# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAL-15 TA' LULJU, 2021

## SENTENZA IN PARTE

**Kawża Numru: 9**

**Rik. Ġur. 1192/2020 RGM**

**Emanuel Cassar ; Joseph Cassar, Mario Cassar, Deo Cassar u**

**Tarcisio Cassar għal kull interess li jista jkollhom**

**vs.**

**Stephen Farrugia, Maria Al Bako u**

**l-Awtorita` Għat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Emanuel Cassar** ippreżentat fil-15 ta' Dicembru, 2020 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

**1.** Illi permezz ta' skrittura privata datata l-14 ta' Awissu 2003 ir-rikorrent Emanuel Cassar kien akkwista vettura tal-għamla Mazda 121 bin-numru ta' reġistrazzjoni LCC-087 mingħand il-konvenut Stephen Farrugia u dan versu l-prezz ta' disa' mitt Liri Maltin (Lm900), illum ekwivalenti għal circa elfejn u mitt Ewro (€2,100);

**2.** Illi fl-istess sena li r-rikorrent Emanuel Cassar akkwista din il-vettura appena imsemmija huwa ħarrek lil fuq imsemmi Stephen Farrugia fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Avviż Numru 512/2003 MLF) sabiex jikkundannah jirrifondilu l-prezz intier lilu mħallas peress li din il-vettura ma kenitx tal-kwalità patwita;

**3.** Illi din il-kawża ġiet deċiża kontra r-rikorrent Emanuel Cassar nhar-il Erbgħa, 14 ta' Diċembru 2016, u ċioè tlettax-il sena wara li ġiet intavolata;

**4.** Illi tul dan iż-żmien kollu din l-istess vettura kienet iddeppożitata fil-Qorti u eventwalment igaraxxjata fil-garage proprjetà tar-rikorrenti aħwa Cassar, li jinsab iż-Żejtun, billi ma tistax tinstaq aktar u qiegħda għalhekk tingombra l-istess garaxx;

**5.** Illi jirriżulta wkoll illi l-konvenut Stephen Farrugia qatt ma rreġistra l-bejgħ formalment mal-Awtorita' intimata u qatt ma għadda l-*logbook* iffirmat lir-rikorrent;

**6.** Illi r-rikorrent Emanuel Cassar ilu sa' minn Lulju 2017, u ċioè xi xhur wara li ġiet deċiża l-kawża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), jikteb lill-konvenut Stephen Farrugia sabiex jimlilu l-formola jew applikazzjoni appożita biex tiġi skrapjata din il-vettura peress li hija ta' żgombru u mhux

meħtieġa aktar minnu, iżda l-konvenut Stephen Farrugia baqa' għal kollox inadempjenti;

**7.** Illi minn tagħrif ulterjuri irriżulta illi din il-vettura qatt ma kienet proprjeta' tal-konvenut Stephen Farrugia billi tinsab reġistrata fuq il-konvenuta Maria Al Bako (nee' Camilleri);

**8.** Illi rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni ir-rikorrent Emanuel Cassar fittex l-assistenza u l-kooperazzjoni tal-Awtorità intimata u pprepara u ħalef affidavit appożitu sabiex jispjega ċ-ċirkostanzi kollha tiegħu bit-tama li huwa jkun jista' jeħles minn din il-vettura u tiġi formalment de-reġistrata u/jew skrapjata;

**9.** Illi l-istess Awtorita' wieġbet lir-rikorrent illi hija ma tista tagħmel xejn min-naħa tagħha għaliex din il-vettura mhux biss ma ssejjaħx lill-konvenut Stephen Farrugia iżda adirittura hija milquta b'mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 866/2006 (Maġistrati) li ġie intavolat ad istanza ta' Antione Vassallo kontra Maria Al Bako nee' Camilleri;

**10.** Illi għandu jingħad ukoll illi r-rikorrent ikkwerela formalment lill-konvenut Stephen Farrugia iżda l-Kummissarju tal-Pulizija u/jew l-Ispettur konċernat baqa' għal kollox inadempjenti u baqa' ma ħa assolutament l'ebda passi fil-konfront tal-istess Stephen Farrugia;

**11.** Illi in vista ta' dawn il-fatti u ċirkostanzi kollha spjegati hawn fuq ir-rikorrent jinsab fi stat ta' inikwita u inġusta għall-aħħar fejn għandu vettura li, kif ingħad, ġiet mibjugħa lilu minn persuna li qatt ma kellu l-jedd ibiegħilu u kif ukoll illi huwa ma jista' jagħmel assolutament xejn b'din il-vettura u għalhekk qiegħda tingombra l-garaxx tal-familjari tiegħu inutilment u b'detriment għalihom u jidher illi ma jista' jsir assolutament xejn biex din il-qagħda tiġi solvuta. Fit-tali ċirkostanzi r-rikorrenti qiegħedin jiġu mxekkla milli jgawdu liberament u paċifikament il-proprjetà tagħhom;

**12.** Illi huwa proprju għalhekk illi r-rikorrenti kellhom jiftħu din il-kawża kontra l-konvenuti b'dana li qed jiġi ċċarat illi l-konvenuta Awtorita' għat-Trasport Malta ġiet imħarrka mhux daqstant għaliex hija għandha x'taħti għal din is-sitwazzjoni pjetuża iżda aktar sabiex dan il-ġudizzju jagħmel stat ta' fatt għaliha u fil-konfront tagħha.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, għalfejn din l-Onorabbli Qorti m'għandix:-

**1.** Tordna lill-konvenuti Stephen Farrugia u/jew Maria Al Bako sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss jieħdu l-pussess tal-vettura Mazda 121 bin-numru ta' reġistrazzjoni LCC-087;

**2.** F'każ illi huma jibqgħu inadempjenti tawtorizza lir-rikorrent Emanuel Cassar sabiex jiddistruġġi u/jew jiskrapja din l-istess vettura skont il-modalitajiet u proċeduri legali u jordna lill-konvenuta Awtorita' għat-Trasport f'Malta sabiex tagħmel dak kollu biex dan iseħħ, ankè fl-assenza ta' log book u reġistrazzjoni formali fuq ir-rikrorent ta' din il-vettura;

**3.** Alternittavment u sussidjarjament għall-ewwel żewġ talbiet, tagħti u tordna kull rimedju ieħor fit-termini tal-liġi biex din il-vettura ma tibqax fil-pussess tar-rikorrenti inutilment u b'dannu għalihom;

**4.** Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti Stephen Farrugia u/jew Maria Al Bako huma responsabbli għad-danni kollha subiti mir-rikorrenti għaż-żmien kollu li din il-vettura dament tingombra l-garaxx tagħhom inutilment;

**5.** Tillikwida *arbitrio boni viri* somma in linea ta' danni u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati bl-imgħax legali dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat ir-**Risposta Ġuramentata tal-konvenuta Awtorita` għat-Trasport f'Malta** preżentata fit-18 ta' Jannar, 2021 fejn jingħad kif gej:

1. Illi l-Awtorita' rispondenti bħala r-regolatur aġixxiet korrettement u in konformita' mal-liġi u ghalhekk m'ghandha tigi akkollata b'ebda spejjeż relattivi ghal dawn il-proceduri. Dan ghaliex it-talba maghmula mir-rikorrent Emanuel Cassar sabiex ikun jista' jiddireġistra jew jiskrappja l-vettura tal-għamla 'Mazda 121' bin-numru ta' reġistrazzjoni LCC-087 ma setgħetx tiġi milqugha stante illi l-imsemmija vettura mhijiex registrata f'isem l-imsemmi rikorrent Emanuel Cassar li ghalhekk l-Awtorita' ma setghet qatt tirrikonoxxih (u dan kollu li seta' ghadda bejnu u bejn il-konvenut Stephen Farrugia kjarament l-Awtorita' rispondenti hija ghal kollox estranea ghalih) u invece l-imsemmija vettura hija registrata f'isem 'Maria Camilleri' (detentrici tal-karta tal-identita' numru 0366971M)' – ara Dok. 'A' hawn anness - u ghalhekk kienet biss l-imsemmija 'Maria Camilleri' illi setghet titlob sabiex il-vettura in kwistjoni tigi direġistrata jew skrappjata, u mhux ir-rikorrent Emanuel Cassar. Oltre dan l-istess vettura hija kolpita wkoll b'mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 866/2006 fl-ismijiet 'Antoine Vassallo -vs- Maria Camilleri'.

2. Illi fir-rigward tat-tieni talba attrici, l-Awtorita' rispondenti m'ghanda xejn xi tghid hlief li ovvjament hija tobdi, bhal dejjem, kwalsijasi ordni jew provvediment li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti, u l-uniku interess tal-Awtorita' rispondenti hija li taġixxi dejjem skond id-dettami tal-ligi u skond l-ordnijiet tal-Onorabbli Qorti.

3. Illi fir-rigward tal-hames talba attrici, kjarament din hija opposta f'kaz illi hija dedotta wkoll fil-konfront tal-Awtorita' rispondenti stante illi l-Awtorita' rispondenti mhijiex responsabbli ghall-ebda danni li setghu sofrew ir-rikorrenti u dan ghar-ragunijiet fuq imfissra u kif se jirizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

4. Illi l-ispejjez tal-Awtorita' rispondenti f'dawn il-proceduri ghandhom jigu akkollati jew lir-rikorrenti jew lill-intimati jew lil min minnhom kif

joghgobha tordna din l-Onorabbli Qorti pero certament m'ghandhiex tbatihom l-Awtorita rispondenti.

Rat ir-**Risposta ta' Stephen Farrugia** ppreżentata fl-1 ta' Marzu, 2021 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi l-ewwel u qabel kollox l-atturi għandhom jindikaw l-artikolu tal-liġi illi fuqu qegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-atturi għandhom jindikaw ukoll humiex jibbażaw rwieħhom fuq il-liġi tal-kuntratti jew fuq il-liġi tad-delitti jew kważi-delitti jew fuq it-tnejn illi huma;

3. Illi f'każ illi l-atturi qegħdin jibbażaw rwieħhom fuq iż-żewġ liġijiet imsemmija, l-esponenti jeċċepixxi li ma jistax ikun hemm kumulu ta' azzjonijiet;

4. Illi f'każ illi l-atturi qegħdin jibbażaw rwieħhom fuq il-kuntratt ta' bejgħ, l-esponenti jeċċepixxi illi r-rimedji kontemplati mill-istitut ta' bejgħ huma tassattivi u dak mitlub mill-atturi, jew min minnhom, mhuwiex wieħed minn tali rimedji;

5. Illi in kwantu l-kawża qegħda ssir ukoll kontra l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-esponenti jeċċepixxi n-nullità tal-kawża odjerna stante illi l-atturi ma segwewx dak illi jiddisponi l-artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi l-ewwel talba attriċi hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż billi, fost raġunijiet oħra, bejn l-esponenti u l-attur Emanuel Cassar jeżisti kuntratt ta' bejgħ validu tal-vettura in kwistjoni u minkejja illi l-attur Emanuel Cassar kien ippreżenta kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bin-numru: 512/2003/MLF fl-ismijiet "Emanuel Cassar v. Stephen Farrugia" li biha talab ir-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ

in kwistjoni, dik il-Qorti iddeċidiet illi tiċħad it-talbiet ta' l-attur Emanuel Cassar u li l-kuntratt ta' bejgħ huwa għalhekk validu, liema sentenza hija issa "res judicata";

7. Illi għalhekk l-ewwel talba attriċi hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż billi wkoll, fost raġunijiet oħra, ma hemm l-ebda obbligu, raġuni jew titolu legali li bih l-esponenti jista' jiġi ordnat jieħu l-pussess tal-vettura in kwistjoni;

8. Illi l-esponenti jeċċepixxi wkoll il-ġudikat in kwantu bl-azzjoni odjerna l-attur Emanuel Cassar qiegħed jipprova jikseb ġudizzju li b'mod indirett iġib ir-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ tal-vettura in kwistjoni meta ġjà ġie deċiż b'mod definittiv bis-sentenza mogħtija nhar l-14 ta' Diċembru, 2016 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bin-numru: 512/2003/MLF fl-ismijiet "Emanuel Cassar v. Stephen Farrugia" illi tali kuntratt huwa validu;

9. Illi dwar it-tieni talba attriċi, in kwantu l-attur Emanuel Cassar qiegħed jitlob illi jiġi awtorizzat illi jiddistruġġi u/jew jiskrapja l-vettura mertu tal-kawża u li l-Awtorità konvenuta tiġi ordnata tagħmel dak kollu meħtieġ biex dan iseħħ, l-esponenti jwieġeb illi huwa ma għandux x'jaqsam ma' tali talba, illi huwa kompletament estraneju għaliha u din hija kwistjoni bejn tali attur u l-Awtorità konvenuta b'dan illi huwa ma għandu jbagħati l-ebda spejjeż billi, kif ser jirriżulta matul it-trattazzjoni tal-kawża, dak kollu illi ġara u illi minnu qegħdin jilmentaw l-atturi fil-kawża odjerna seħħ unikament tort tagħhom;

10. Illi it-tielet talba attriċi, alternattiva għall-ewwel żewġ talbiet tagħhom, hija ugwalment infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom billi hija miktuba b'mod għal kollox vag u lakoniku u billi f'kull każ ma jeżisti l-ebda rimedju fit-termini tal-liġi biex il-vettura in kwistjoni mibjugħa lill-attur Emanuel Cassar ma tibqax fil-pussess tiegħu;

11. Illi ir-raba' u l-ħames talbiet ta' l-atturi huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom billi l-esponenti ma jaħti għall-ebda danni illi huma jallegaw illi sofrew liema danni,

jekk tabilħaqq sofrewhom, inkorrewhom tort l-imġieba tagħhom stess, jew min minnhom, b'mod partikolari iżda mhux biss, l-imġieba ta' l-atturi illi refgħu idejhom fuq l-esponenti, tort l-attur Emanuel Cassar illi ippretenda illi l-kuntratt ta' bejgħ għandu jiġi rexxiss, għadda biex iddepożita l-vettura in kwistjoni taħt l-awtorità tal-Qorti jew eżebiha formalment fl-atti tal-kawża illi kien hemm bejn l-attur Emanuel Cassar u l-esponenti, minħabba tali kawża ippreżentata minnu ma resaqx biex isir it-trasferiment tal-vettura fuq ismu u kien biss fil-mori tal-kawża infondata ippreżentata minnu illi ġie ippreżentat il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv illi issa qiegħed jilmenta minnu;

12. Illi kull talba għad-danni hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

13. Salv risposti ulterjuri jekk ikun il-każ;

Bl-ispejjeż kontra l-atturi illi huma minn issa stess inġunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta' Maria Al Bako tat-18 ta' Marzu 2021 li permezz tagħha ammettiet it-talbiet attriċi.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Ġunju 2021. F'dik is-seduta l-attur irtira ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi fil-konfront tal-awtorita' konvenuta u fil-konfront tal-konvenuta Al Bako li nżammu fermi fil-konfront biss tal-konvenut Stephen Farrugia.

Il-konvenuta Al Bako iddikjarat illi hija lesta tiehu l-pussess tal-vettura mertu tal-kawża kemm-il darba tiġi hekk ordnata mill-Qorti.

Fl-istess udjenza l-atturi kif ukoll il-konvenuti Al Bako u l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta iddikjaraw illi l-Qorti tista' tgħaddi għas-sentenza dwar l-ewwel talba limitatament fil-konfront tal-konvenuta Maria Al Bako.

Il-Qorti, wara li eżaminat l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Stephen Farrugia; u wara li ħadet nota tal-ammissjoni u d-dikjarazzjoni tal-konvenuta Al Bako,

ħalliet il-kawża għallum għas-sentenza in parte limitatament dwar l-ewwel talba attriċi.

Rat l-atti;

Ikkonsidrat;

Għalkemm il-konvenut Farrugia ma deherx għas-smiegħ, il-Qorti xorta fid-dover teżamina jekk hemmx xi eċċezzjoni sollevata minn Farrugia li b'xi mod hija ta' ostakolu għall-akkoljiment tal-ewwel talba attriċi fil-konfront biss tal-konvenuta Al Bako nonostante li t-talbiet attriċi ġew minnha ammessi.

Il-Qorti, wara li eżaminat l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-konvenut Farrugia hija tal-fehma li l-ebda eċċezzjoni ma tikkuntrasta t-talba attriċi fil-konfront tal-konvenuta Al Bako. Id-difiża tal-konvenut Farrugia hi fis-sens illi n-nuqqas tat-trasferiment tal-liċenzja fiż-żmien rilevanti ma kienx tort tiegħu iżda tort tal-istess attur Emanuel Cassar illi wara l-bejgħ tal-vettura naqas milli jidher għall-iffirmar tat-transfer tal-liċenzja proprju peress li intavola proċeduri ġudizzjarji jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ.

Għalhekk il-Qorti tqis li l-ebda eċċezzjoni sollevata mill-konvenuit Farrugia ma hi qed topponi t-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenuta Al Bako. L-istess osservazzjoni ssir fir-rigward tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta.

Stabbilit illi l-ebda eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti ma tikkuntrasta l-ewwel talba attriċi fil-konfront tal-konvenuta Al Bako, u stabbilit illi l-konvenuta Al Bako ammettiet l-ewwel talba attriċi; il-Qorti tqis li hemm raġunijietk biżżejjed sabiex tilqa' l-ewwel talba attriċi limitatament fil-konfront tal-konvenuta Maria Al Bako.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi l-ewwel talba attriċi limitatament fil-konfront tal-konvenuta Maria Al Bako bil-mod kif ġej;

1. Fuq ammissjoni tal-konvenuta Maria Al Bako l-Qorti tilqa' l-ewwel talba attriċi limitatament fir-rigward tal-konvenuta Maria Al Bako;

2. Tordna lil Maria Al Bako sabiex fi żmien xahar millum tieħu mingħand l-attur il-pussess tal-vettura Mazda 121 bin-numru ta' reġistrazzjoni LCC-087;

   Spejjeż riżervati għas-sentenza finali.

   Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
15 ta' Lulju 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**